MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Numru. 642/2012

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Kevin Abela iben Carmel, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Diċembru, 1982, karta ta’ l-identita numru 663882(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-2 ta’ Marzu, 2012 bejn l-10.15 a.m. u it-12.30 p.m. ikkometta serq ta’ flus u dokumenti għad-dannu ta’ sdihom liema serq hu kkwalifkat bil-valur, li hu aktar minn €233 iżda anqas minn €2,330, bil-persuna u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data u fil-ġranet ta’ wara, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk

f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata illi kartiera meritu ta' dan il-każ ġiet ritornata lil Charles Schembri, li min-naħa tiegħu ddikjara li ma jrid xejn mill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(g), 267, 268(a), 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u il-maħfra tal-parte leza. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------